# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 9 ta' Jannar 2001**

**Numru 28**

**Citaz. numru 394/92 DS**

Gerald u Carmena konjugi Chetcuti, kif ukoll Francis Chetcuti, Miriam Zammit, Carmel Chetcuti, Eugenio Chetcuti, Maria Concetta Baker, Joseph Chetcuti, Maria Stella Chetcuti, ahwa Chetcuti, ilkoll bhala eredi "ex lege" tal-mejjet George Chetcuti, u Benjamin Zammit, Paul Baker u Charles Cilia bhala zwieg rispettivament ta 'l-atturi Miriam Zammit, Maria Concetta Baker u Maria Stella xebba Chetcuti llum Cilia

vs

Raymond Buhagiar ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` TRADING FOUR COMPANY LIMITED

Illum, 9 ta' Jannar 2001

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fit-23 ta' Marzu 1992 li permezz taghha l-atturi wara li ppremetew:

Illi fl-20 ta' April 1990 gewwa l-Imriehel limiti ta' Hal-Qormi l-awtur tal-atturi George Chetcuti miet f'incident waqt il-hin tax-xoghol li huwa kien impjegat li jaghmel mis-socjeta' konvenuta, u

Peress illi il-mewt tal-imsemmi George Chetcuti grat minhabba traskuragni, imperizja, negligenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti da parte tas-socjeta' konvenuta kif jigi ppruvat, u,

Peress illi bhala konsegwenza l-atturi sofrew danni,

talbu lil din il-Qorti:

1. tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-incident fuq imsemmi;

2. tillikwida d-danni konsegwenzjali sofferti mill-atturi;

3. tikkundanna lill-konvenut ihallas id-danni sofferti kollox kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut nomine li jibqa' ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine fejn qal:

1. Illi, in linea preliminari, l-atturi iridu jippruvaw li huma l-eredi tal-mejjet George Chetcuti, u fin-nuqqas ta' wirt intestat, trid ta' bil-fors, issir l-apertura tas-successjoni tieghu.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost f'kaz li hemm xi nisa hut id-decuius mizzewgin, u mhux assistiti minn l-istess zwieghom, huma ghalhekk ma ghandhom l-ebda locus standi fl-odjerni proceduri, l-eccipjent ghandu jigi liberat mill-osservazzjoni tal-gudizzju fil-konfront taghhom.

3. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li ma giex ottenut il-permess ghal proceduri odjerni mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni ai termini tal-Artikolu 40 (erbghin) tal-Att dwar il-Mewt u Donazzjoni 1973.

4. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-atturi jridu jindikaw x-regolamenti s-socjeta' konvenuta allegatament naqset li tosserva u/jew ittraskurat, b'imperizja u/jew kienet negligenti.

5. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet huma nfondati sia fil-fatt u sia fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li ghall-incident li fih miet George Chetcuti, kien unikament responsabbli l-istess George Chetcuti billi kien negligenti u traskurat fit-thaddim tal-makkinarju li miet fiha.

6. Illi jsegwi, relattivament ghat-tieni talba attrici, ma hemmx danni x'jigu likwidati fil-konfront tal-eccipjenti.

7. Illi jsegwi, relattivament ghat-tielet talba attrici, ma hemm l-ebda danni x'jigi kundannat li ghamel fronti ghalihom l-istess eccipjenti.

8. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante hadd mill-atturi sofra xi danni stante li d-decuius kien guvni.

9. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda taghhom;

Rat il-verbal tal-5 ta' Mejju 1993 fejn jirrizulta li Dr. Joseph Bonnici ghall-konvenut nomine rtira l-ewwel zewg eccezzjonijiet;

Rat il-verbal tat-3 ta' Gunju 1993 fejn jirrizulta li Dr. Joseph Bonnici ghall-konvenut nomine rtira wkoll it-tielet eccezzjoni;

Rat id-digriet tat-3 ta' Gunju 1993 li permezz tieghu gie nominat l-Avukat Dottor Mark Chetcuti bhala perit gudizzjarju sabiex jirrelata fuq it-talbiet attrici wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut;

Rat ir-relazzjoni minnu mahlufa fl-20 ta' Gunju 2000;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat illi:-

Din il-kawza tirrigwarda incident sfortunat li gara fl-20 ta' April 1990 fuq il-post tax-xoghol li fih miet George Chetcuti fl-eta` tenera ta' sittax-il sena. L-atturi, bhala eredi ta' l-imsemmi George Chetcuti, isostnu li l-incident gara minhabba "traskuragni, imperizja, negligenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti da parte tas-socjeta` konvenuta". Is-socjeta` konvenuta tghid li l-incident gara bin-negligenza u traskuragni ta' l-istess George Chetcuti.

X'kien ix-xoghol ta' George Chetcuti? Huwa kien ilu jahdem fil-fabbrika tas-socjeta` konvenuta ghal ftit aktar minn tliet xhur. Bazikament ix-xoghol tieghu kien jikkonsisti filli jitfa' d-dqiq f'bajla li minnha jghaddi go pipes ghal go magna tat-tahlit. Meta x-xoghol jintemm u l-magni jkunu ntfew, kien inaddaf il-magna tat-tahlit, dik li fil-gurnata msemmija hasditlu hajtu. Raymond Buhagiar, direttur tas-socjeta` konvenuta, xehed

li kien ha parti attiva fit-taghlim tat-tindif tal-magna lil George Chetcuti. Qal li kien inaddafha billi jitbaxxa nofsu go fiha u jobrox il-materjal zejjed li jkun imwahhal. Hu zied li biex tnaddaf il-paletti ta' taht trid bilfors iddawwarhom ftit b'idejk biex tlahhaq il-paletti kollha. Jekk tipprova thaddem il-magna biex tnaddafha ma twaqqafhiex fil-post li tkun tridha ghax bil-momentum tibqa' ddur. Huwa qal li ma kellux ghalfejn ikellem lil George Chetcuti fuq switches ghax ma kellux x'jaqsam ma' dan ix-xoghol. Xoghlu kien biss li jnaddaf.

Huwa spjega li meta jasal hin it-tindif tal-magni, dan isir billi l-ewwel jitwaqqfu l-mixers minn switch fuq panel ma' genb il-magna nnifisha u li hu l-uniku switch li jista' jhaddem il-magna. Imbaghad tirrilizja l-vacuum permezz ta' lever li jinsab ukoll fuq il-lemin tal-magna. L-iswitch hu fil-fatt buttuna li trid tippressaha biex tixghel il-magna u ma tistax tigi milquta accidentalment. Wiehed jinduna jekk il-magna hix tahdem mill-bozza li hemm fil-panel li tkun mixghula jekk il-magna tkun mixghula kif ukoll il-paletti gewwa l-magna jibdew iduru u jaghmlu hoss. Inoltre l-ghatu tal-magna hu tal-perspex u tista' tara l-magna tahdem. Dan l-ghatu fih safety measure ohra, cioe` li anke jekk il-main switch ikun "on", jekk tnehhi l-vacuum u jinfetah il-cover tal-perspex anki kemm kemm, awtomatikament il-magna tieqaf tahdem.

Minhabba c-cirkostanzi tal-kaz kienet saret inkjesta magisterjali u giet esebita kopja tal-process verbal relattiv bhala parti mill-provi f'din il-kawza. Hemm insibu deskrizzjoni tas-"safety features" li fiha l-istess magna u l-Qorti se tirreferi hawn ghall-parti saljenti:

> *"Illi minn ezami li sar mill-esperti nominati f'din l-inkjesta tal-magna in kwistjoni, jirrizulta li din il-magna hija maghmula b'tali mod illi ghandha diversi 'safety factors'. L-ewwel nett din il-magna trid tinghata l-power minn switchboard li jinsab isfel (peress li l-magna hija mtella' fuq platform gholi ta' sular); imbaghad minn switchboard iehor li hemm fuq, hdejn il-magna, jinghafas switch sabiex il-magna tkun tista' tigi mixghula.*
>
> *Illi hemm ukoll safety device iehor ta' importanza sinjifikanti. Il-parti tal-magna li fiha r-romblu li jdawwar l-ghagin hija koperta b'cover tal-perspex. Dan il-cover huwa maghmul b'tali mod illi jekk il-cover ikun miftuh, <u>il-magna ma tahdimx jew tieqaf tahdem</u>.*
>
> *Illi dan is-safety device jiffunzjona bl-uzu ta' micro-switch li hemm mal-bordura tal-magna. Meta l-cover ikun maghluq, 'pin' li hemm mad-dawra tal-cover tinzel fuq il-micro-switch u jsir kuntatt*

*necessarju sabiex tahdem il-magna. B'mod invers, hekk kif jittella' l-cover jinqata' l-kuntatt u l-magna tieqaf.*

*Illi dan il-micro-switch gie ezaminat fuq il-post mill-esperti u nstab jiffunzjona tajjeb, u dan anke wara li gie elevat u ezaminat mill-espert tekniku. Jigi spjegat ukoll illi l-molla tal-micro-switch hija tali illi jekk tkun fl-'off' position ma tistax tinzel wehidha u tqabbad il-magna. Tista' biss titla' aktar 'il fuq. Fil-fatt, il-micro-switch jinkorpora go fih zewg molol u t-tnejn itellghu u mhux inizzlu (vertical switch position). Di piu` l-micro-switch qieghed sitwat f'post li ma jistax jintlaqat u trid tfitxxu u taghfsu int. Jigi spjegat ulterjorment illi l-iswitch ta' hdejn il-magna qieghed 'housed' b'tali mod illi jrid jinghafas kwart ta' pulzier qabel ma jibda jopera u dan bhala mezz ta' sigurta`."*

Nonostante cio` Raymond Buhagiar, direttur tas-socjeta` konvenuta, xehed li f'zewg okkazjonijiet precedenti s-safety switch tal-magna ma hadimx u meta nfetah l-ghatu l-magna ma ntfietx. Huwa qal li naddfu bl-arja u rega' beda jahdem. Xehed ukoll li wara l-incident, quddiem l-espert tal-Qorti l-magna baqghet tahdem meta nfetah l-ghatu. Certament, kif tajjeb stqarr il-perit gudizzjarju, dan jitfa' perspettiva differenti fuq il-kwistjoni peress li Raymond Buhagiar kien konxju li l-magna gieli ma tiffunzjonax kif suppost u kien qed jibghat impjegat inaddafha minghajr supervizjoni.

Naturalment xorta jibqa' l-fatt li f'cirkostanzi normali s-safety switch ma jkollu l-ebda rilevanza ghaliex il-power supply suppost ikun mitfi. U m'ghandu jkun hemm l-ebda dubju li qabel ma gara l-incident il-magna kienet mitfija. Raymond Buhagiar xehed li ghall-habta tas-6.30 p.m. ra lil George Chetcuti bilqieghda fuq l-ghatu jitkellem ma Alfred Cilia, wiehed mid-diretturi. Dan qal lil Buhagiar biex imorru jaghmlu xi vouchers, Buhagiar qabel, qal lil George Chetcuti biex ifittex ilesti biex x'hin ilesti jitilqu. Kien ma' genbu x'hin kelmu u ghalhekk kien cert li l-magna kienet mitfija. Kif Buhagiar u Cilia waslu madwar hamsa u ghoxrin metru boghod semghu ghajta u marru jigru fejn kien Chetcuti u sabuh maqbud fil-magna. Harguh billi dawwar il-magna b'idejh. Meta harguh il-power fil-panel kien mitfi peress li l-magna giet overloaded bil-vittma u l-power intefa' wahdu. Jigifieri l-incident gara wara li kienet tlestiet il-produzzjoni tal-gurnata u kien qed isir it-tindif necessarju. Izda x'wassal ghall-incident?

Huwa certament preokkupanti dak li qal Raymond Buhagiar stess li kien hemm zewg okkazjonijiet meta s-safety switch ma hadimx u li sahansitra

quddiem l-espert nominat mill-Magistrat Inkwerenti ma hadimx u meta nfetah l-ghatu bil-power switch “on” il-magna kompliet tahdem. Pero` huwa wkoll preokkupanti fatt iehor li semma’ Raymond Buhagiar, u cioe` li jekk xi hadd jiftah l-ghatu u jdahhal turnavit u jimbotta s-safety switch ‘l isfel, allura l-magna wkoll tkompli tahdem. Fil-fatt irrizulta mill-provi li taht il-magna ma’ l-art instab tornavit.

Fid-dawl ta’ dawn ir-rizultanzi, il-perit gudizzjarju jikkummenta hekk:

“Din ix-xhieda ta’ Raymond Buhagiar tassumi mportanza peress illi dak li qal qalu  jew ghax kien jaghmel hekk hu, jew kien jara lil haddiehor jaghmel hekk.  Altrimenti ma jkunx hemm spjegazzjoni jew sens bejn sejba ta’ tornavit hdejn il-magna (u jirrizulta li kien hemm diversi mxerrda madwar il-fabbrika) u dak li gara.

George Chetcuti ma jistax jghidilna x’gara pero’ jidher illi Raymond Buhagiar kien jaf illi l-magna ma kelliex is-safety switch jahdem sew u illi kien jintuza tornavit biex jelimina s-safety precaution tal-micro switch.  Raymond Buhagiar ma jixhidx x’kien jaghmel George Chetcuti hlief li jghid li qatt ma rah juza l-makni.  Pero’ fl-istess waqt George Chetcuti jidher li kien ikun wahdu minghajr supervizjoni waqt dan ix-xoghol, u d-ditta konvenuta qatt ma wissiet kontra l-uzu abusiv tal-makni.

Armat b’zewg fatti inkwetanti, kienet ir-responsabilta’ tal-kumpanija konvenuta li jew telimina d-difett jew twissi serjament ghall kull abbuz li seta kien qed jigri fl-uzu tas-safety measures tal-magna.  Hawn tinsab in-negligenza tad-ditta konvenuta  cioe’ fin-nuqqas ta’ kwalsiasi mizuri korrettivi da parti taghha.

Pero’ dan ma jfissirx li l-htija ghandha taqa principalment fuq il-kumpanija konvenuta.  L-esponeni jissottometti illi l-htija principali tal-incident ghandha taqa fuq il-vittma.  L-incident qatt ma seta gara jekk il-power switch ma kienx mixghul.  Dan ma jixghelx accidentalment izda appozitament u bi skop ta’ thaddim tal-makna.  Qabel l-incident il-power switch kien mitfi u l-makna ma kinitx tahdem.  Kif appena Raymond Buhagiar u siehbu allontanaw ruhhom biex George Chetcuti jibda x-xoghol ta’ tindif, appena lahqu mxew 25 metru gara l-incident.

Wiehed jista jipprezumi biss x’gara u dan f’kuntest ragonevoli tal-fatti. George Chetcuti ghal xi raguni ried idawwar xi ftit il-paletti u ma riedx jaghmlu manwalment.  Ghalhekk xeghel il-power switch biex il-makna taghmel dawra zghira safejn ried il-paletti jduru u jnehhi t-tornavit immedjatament.  Sfortunatament parti minn gisem George Chetcuti

inqabdu fil-makna u ghalkemm t-tornavit inqala jew qalghu l-istess George Chetcuti, l-makna ma waqfitx kif kellha u gara l-incident. Dan hu korraborat mill-fatt illi Raymond Buhagiar jixhed illi George Chetcuti inqabad mid-driegh ix-xellugija fil-magna li hu kompatibbli ma persuna li b'idha l-leminija qed idahhal tornavit fil-micro switch fil-lemin tal-makna.

Il-makna xorta waqfet wara certu zmien peress li kif qal l-istess Raymond Buhagiar meta jkun hemm overload, il-power switch jintefa wahdu. F;dan il-kaz l-overload kien gisem il-vittma, u sakemm waqfet il-makna, lahqet qatlitu.

George Chetcuti kien abbusiv u negligenti f'xogholu u ma hax kura ghalih innifsu. Aparti li ma kellux x'jaqsam mal-uzu tal-magna dan qatt ma kellu jixhel main switch ta' magna biex ihaddimha meta din kienet potenzjalment perikoluza u kif irrizulta George Chetcuti ma kellu x'jaqsam xejn mat-thaddim tal-makni (Ara Grech vs Ellul, Prim Awla 27.06.1996).

In-nuqqas ta' twissija tal-principal tieghu li ma juzax il-main switch ma jezonerax mir-responsabbilta li hu assuma fuq hajtu, responsabbilta li ghandha tigi diviza mill-principal tieghu ghall-incident.

L-esponent jissottometti illi George Chetcuti kien maggorment responsabbli ghal dak li gralu u dan minhabba n-negligenza u imprudenza tieghu fit-thaddim ta' makna meta ma kellu ebda ordni jew dover li juzaha u ma kinitx taqa bhala parti mid-dover tieghu. Fl-istess waqt ukoll in-nuqqas ta' agir korrettiv tad-ditta konvenuta fin-nuqqas taghha li ssewwi jew tiehu hsieb ahjar il-makkinarju meta taf li hu difettuz u iktar importanti li twissi serjament kontra l-abbuzi li bilfors kienet taf li seta jsir mill-impjegati f'xogholhom jirrendiha responsabbli in parti minima ghal dak li gralu George Chetcuti.

Ghalhekk l-esponenti jissottometti illi d-ditta konvenuta ghandha tbati kwart (1/4) tar-responsabbilita ghall-incident u George Chetcuti tlett kwarti (3/4) ghall-incident."

Fin-nota ta' osservazzjonijiet taghhom l-atturi jikkritikaw il-konkluzjonijiet raggunti mill-perit gudizzjarju. Pero` jrid jinghad li sahansitra mill-investigazzjoni li saret fl-inkesta magisterjali l-konkluzjoni dwar kif seta' sehh l-incident kien identiku. Fil-process verbal jinghad testwalment:

*"Illi ghalhekk jidher illi li gara kien illi waqt li l-mejjet kien qed inaddaf ir-romblu, hu ried idawwar ir-romblu sabiex ix-xafra t'isfel tigi fuq, pero` minflok ma dawwar ir-romblu b'idejh mid-drive pulley, dahhal tornavit fil-micro-switch (ta' min izid hawn illi taht il-magna, isfel ma' l-art, instab tornavit, u madwar il-fabbrika hemm diversi tornaviti ohra) sabiex jaghti nofs dawra lir-romblu. Sfortunatament ghalih pero` b'xi mod ir-romblu qabditlu idu tax-xellug u dawritu mar-romblu u tghaffeg max-xfafar tar-romblu. Illi dan jidher illi l-uniku kaz kif seta' gara l-incident."*

Is-suggerimenti li jaghmlu l-atturi fin-nota taghhom dwar x'wassal biex tahdem il-magna waqt li George Chetcuti kellu idu x-xellugija go fiha mhumiex sorretti mic-cirkostanzi rizultanti u l-konkluzjoni raggunta mill-perit gudizzjarju f'dar-rigward hija certament l-aktar verosimili.

Issa m'hemmx dubju li min ihaddem huwa obbligat li jipprovdi lill-impjegati "a safe system of work" u "a safe work-place". Hawn irrizulta li nonostante li l-magna in kwistjoni kellha diversi "safety features", kien hemm il-mod kif jistghu jigu superati. George Chetcuti kellu biss sittax-il sena u kien fl-ewwel impjieg tieghu. Kien gie mghallem biex inaddaf u mhux biex jopera switches. Meta haddem il-magna in kwistjoni ha riskju bla bzonn. Pero` ma tistax' bl-ebda mod tikkondividi l-kumment ta' Raymond Buhagiar li ma kellux ghalfejn ikellmu fuq switches. Raymond Buhagiar kellu jghallem lil George Chetcuti mhux biss x'kellu jaghmel izda anke x'ma kellux jaghmel li seta' jipperikolalu sahhtu u hajtu. Dan aktar u aktar meta rrizulta mix-xiehda ta' Raymond Buhagiar stess li kien jaf li l-magna setghet tithaddem billi wiehed jimbotta s-safety switch permezz ta' tornavit. B'xi mod jidher li George Chetcuti sar jaf b'din il-possibilta`. Jekk qattx uza din is-sistema qabel naturalment ma nistghux inkunu nafu. Forsi b'aktar supervizjoni kienet tigi evitata t-tragedja in kwistjoni. Il-Qorti tirreferi wkoll ghal dak li xehed Raymond Buhagiar li qalu lil Chetcuti qabel ma telqu minn hdejh hu u Alfred Cilia, u cioe` biex ifittex ilesti biex x'hin ilesti jitilqu. Seta' haseb Chetcuti li jekk idawwar ir-romblu billi jixghel il-magna allura se jhaffef ix-xoghol?

Fid-dawl ta' dan kollu l-Qorti hi tal-fehma li l-htija tas-socjeta` konvenuta hi oghla minn dik kwantifikata mill-perit gudizzjarju u ghandha tekwivali almenu dik tad-*decuius*.

Il-Qorti issa ghalhekk se tghaddi ghal-likwidazzjoni tad-danni dovuti bhala *lucrum cessans* peress li ma gewx esebiti dokumenti ghal *damnum emergens*.

Id-*decuius* kellu sittax-il sena meta gara l-incident. Tenut kont tal-fatt li l-hajja tal-bniedem twalet u li, a skans ta' mewt prematur, ragel jibqa' jahdem bi qliegh sa l-eta' ta' 61 sena, il-Qorti se tadotta l-multiplier ta' 43 sena li adotta l-perit gudizzjarju.

Ghal dak li jirrigwarda l-qligh medju annwu, meqjus il-firxa tas-snin, id-dhul minn salarju u/jew xoghol barrani, u l-prospetti li seta' kellu guvni li ghadu jibda d-dinja tax-xoghol, l-livell ta' l-ghixien u d-deprezzament tal-munita, jidher li huwa gust f'dawn ic-cirkostanzi li jittiehed qligh medju ta' Lm70 fil-gimgha.

Mis-somma rizultanti, ghandu jintaqqas 50% stante l-grad ta' responsabilta`, kif ukoll ghandhom jitnaqqsu 35% ghall-konsum personali u 50% minhabba l-grad ta' dipendenza ta' l-atturi mad-*decuius*.

Tenut kont tal-fatt li l-incident gara aktar minn disa' snin ilu, ma hu se jsir l-ebda tnaqqis ghal *lump sum payment*.

Il-*lucrum cessans* qieghed ghalhekk jigi likwidat hekk:

| | |
|---|---|
| Lm70 x 52 gimgha x 43 sena | Lm156,520 |
| Naqqas 50% (grad ta' responsabilta`) | Lm 78,260 |
| | ----------------- |
| | Lm 78,260 |
| Naqqas 35% (konsum personali) | Lm 27,391 |
| | ----------------- |
| | Lm 50,869 |
| Naqqas 50% (grad ta' dipendenza) | Lm 25,434.50 |
| | ------------------- |
| | Lm 25,434.50 |
| | --------------------- |

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi:

(1) tiddikjara li s-socjeta` konvenuta hija responsabbli ghall-incident li gara fl-20 ta' April 1990 waqt il-hin tax-xoghol f'liema incident George Chetcuti tilef hajtu, fi proporzjon ta' 50%,

(2) tillikwida d-danni sofferti mill-atturi b'konsegwenza ta' l-imsemmi incident fl-ammont ta' Lm25,434.50, u
(3) tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-atturi din is-somma ta' Lm25,434.50 bl-imghax millum.

Bl-ispejjez li jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet.

Onor. Imhallef
Dottor David Scicluna